**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Cassar**

**Kumpilazzjoni Nru. 75/2024 AC**

**Illum, l-4 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Joseph Cassar** ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Francis Cassar u Maria Carmela Cassar nee' Bonett, imwieled il-Pieta', Malta, nhar it-13 ta' Ottubru 1981, residenti Binja Santa Venera, Blk 1, Fl 2, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 651881M, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (15:00) ta' wara nofsinhar u s-sebgħa (19:00) ta' filgħaxija, ġewwa Binja Santa Venera, Blk 1, Fl 2, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh **Alexander Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 484388M, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-

ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq l-imsemmi **Alexander Cassar** u dan hekk kif ġie ċċertifikat mit-tabiba Dr. Chantelle Said.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' **Alexander Cassar** jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tiegħu *ai termini* tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-Liġi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'ċitazzjoni quddiem  din il-Qorti nhar l-10 ta' April 2024[1], fejn l-Uffiċjali Prosekuturi Dr. Alessia Schembri għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Christian Cauchi għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li ngħata digriet tal-*Prima Facie* fis-seduta tal-10 ta' April 2024[3];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 34 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 39 tal-proċess
[3] Ara a fol 50 tal-proċess

1. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-Imputat[4];

2. Il-Fedina Penali tal-Imputat kif aġġornata fl-24 ta' Novembru 2023[5];

3. *Case Summary* maħruġ lil Alexander Cassar maħruġ mill-isptar Mater Dei annessi ma' rikors intavolat mill-istess Alexander Cassar u li abbażi tagħhom talab li jixhed *tramite video conference*[6];

4. Referta pożittiva tal-imputat għas-seduta tat-28 ta' Frar 2024[7];

5. Ċertifikat Mediku maħruġ għall-*Parte Civile* **Alexander Cassar** datat it-18 ta' Novembru 2023[8], u *Discharge Note* fuq l-istess *Parte Civile* datata t-22 ta' Ottubru 2023[9];

6. Dikjarazzjoni għar-Rifjut tad-Dritt għall-Assistenza Legali datata l-25 ta' Novembru 2023[10];

7. CD kontenenti l-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat[11];

8. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2435/2023[12];

9. Rapport tal-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino datat id-9 ta' Lulju 2024[13];

---

[4] Ara a fol 3 tal-proċess
[5] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok. AC1 a fol 9 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok X a fol 33 tal-proċess
[8] Ara Dok CSA1 a fol 43 tal-proċess
[9] Ara a fol 44 tal-proċess
[10] Ara Dok CC1 a fol 58 tal-proċess
[11] Ara Dok CC2 a fol 59 tal-proċess
[12] Ara Dok CC3 a fol 60 *et seq* tal-proċess
[13] Ara Dok EC1 a fol 88 *et seq* tal-proċess

10. Ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-1 ta' Awwissu 2024[14];

11. Traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat esebita fis-16 ta' Ottubru 2024 mill-espert Dr. Alexandra Mamo[15].

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw:

**PC 977 Antheo Camilleri** jixhed fis-seduta tal-10 ta' April 2024[16], u jispjega li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien li fit-22 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-22:55hrs ġie ċertu Joseph Cassar sabiex jagħmel rapport fil-konfront ta' ħuh Alexander, li qalilhom li fil-21 ta' Ottubru 2023 għall-17:15hrs kien ħiereġ mill-kamra u ħuh imbuttah lura wara li baqa' dieħel ġo fih. Jispjega li Joseph stqarr li waqa' u ġie fuq xiħaġa tal-ħadid u ma setgħax iqum għaliex Alex tela' fuqu u beda jtih bil-ponn f'rasu, geddumu u fl-istess beda jfittex xi ħaġa sabiex ikun jista' jtih id-daqqiet biha. Joseph qal lix-xhud li kien qed jipprova jilqa' d-daqqiet b'saqajh, u kien hemm ommhom u oħthom preżenti, li firduhom. Ix-xhud ikompli jispjega li Joseph stqarr li wara dan mar il-klinika u għamel ċertifikat mediku, li t-tabib Dr. Mercieca (Nru. 2251) ċċertifika li kienu ta' natura ħafifa. Ix-xhud jgħid li huwa kkuntattja lil Alex, li ġie quddiemu u kien mitkellem fil-25 ta' Ottubru 2023, iżda peress li l-istess Alex talab li jkun assistit minn Avukat, kien iffissat appuntament ieħor għall-15 ta' Novembru 2023. Ix-xhud jispjega li dakinhar Alex ippreżenta ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Chantelle Said (Nru. 4614) bi ġrieħi ta' natura gravi, u kien infurmat l-Ispettur rigward dan il-każ. Muri ċ-ċertifikat in kwistjoni (Dok CSA1), ix-xhud jikkonferma li dan kien iċ-ċertifikat ta' ġrieħi gravi maħruġ mit-tabiba Dr. Chantelle Said fil-konfront ta' Joseph Cassar. Ix-xhud ikompli jispjega li dakinhar li kien mitkellem Alexander, l-istess Alexander ta l-verżjoni tiegħu u stqarr li hu u Joseph kienu ilhom għaddejin minn filgħodu, u allega li Joseph mar fuqu, beda jtih bis-sieq u kisirlu subgħajh. F'dan l-istadju ix-xhud jindika lill-imputat fl-awla;

[14] Ara a fol 109 tal-proċess
[15] Ara Dok AM1 a fol 115 *et seq* tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 40 *et seq* tal-proċess

**Il-*Parte Civile* Alexander Cassar, b'mod virtwali,** jixhed fis-seduta tal-10 ta' April 2024[17], li wara li kien infurmat minn din il-Qorti bid-dritt tiegħu li ma jixhidx kontra l-imputat *stante* li jiġi ħuh, kif ukoll ingħata d-debita kawzjoni *stante* li din il-Qorti kienet infurmata li hemm proċeduri fil-konfront tax-xhud, jiddikjara bil-ġurament li ma jridx jixhed;

**It-Tabiba Dr. Chantelle Said, b'mod virtwali,** tixhed fis-seduta tal-10 ta' April 2024[18], u tispjega li fit-12 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-21:40hrs eżaminat lil Alexander Cassar wara li kien irrikorra fid-Dipartiment tal-Emerġenza, u sabet nefħa fuq subgħajh tal-lemin, u ċioe' s-sebgħa taċ-ċurkett u ż-żgħir. Tispjega wkoll li minn X-Ray ta' jdejh irriżulta li kellu ksur żgħir fl-għadam tal-idejn, u ċioe fi tnejn mill-għadam iż-żgħar tas-swaba fl-istess swaba li kienu minfuħin. Tikkonferma li ċċertifikat il-ġrieħi subiti minn Alexander Cassar bħala gravi minħabba dan il-ksur. Murija Dok CSA1, ix-xhud tikkonferma li huwa ċ-ċertifikat ta' ġrieħi gravi maħruġ minnha wara li eżaminat lil Alexander Cassar, u tikkonferma li mal-istess dokument hemm annessa *Discharge Letter* li tagħmel kull darba li pazjent jirrikorri l-Emerġenza;

Svetlana Cassar, li tidher fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[19], tiddikjara bil-ġurament tagħha li ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat *stante* li tiġi oħt kemm l-imputat u l-*Parte Civile*;

**L-Ispettur Christian Cauchi** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[20], li jispjega li fit-22 ta' Novembru 2023 kien infurmat minn PS 2421 Shazay Bugeja li ċertu Alexander Cassar kien ippreżenta ċertifikat mediku li sofra ġrieħi gravi, u jistqarr li f'dak il-mument kien l-Ispettur tal-Għassa iżda ma kienx edott mir-rapport komplut, u dan għaliex kien daħal rapport mingħand ħu Alexander Cassar Joseph. Jistqarr li meta bagħat għal Alexander, kellu ċ-ċertifikat mediku tiegħu f'idejh, iżda wara li għamel ir-riċerki tiegħu sar jaf li fit-22 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tal-22:55hrs Joseph Cassar kien għamel rapport fil-konfront ta' ħuh, li stqarr li kellu argument miegħu fid-dar li kienu jgħixu fiha, u ċioe' Block 1, Flat

[17] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 45 *et seq* tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 47 *et seq* tal-proċess
[19] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 53 *et seq* tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tiegħu a fol 57a *et seq* tal-proċess

2, Triq Patri Ġustin, Santa Venera. Jispjega li l-inċident kien seħħ fil-21 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tal-17:15hrs, u Joseph stqarr li fetaħ il-bieb tal-kamra u ħuh imbuttah lura u baqa' dieħel ġo fih, u waqa' fuq fann tal-ħadid. Joseph stqarr ukoll li dakinhar ippreżenta ċertifikat mediku bi ġrieħi ħfief. Ix-xhud jispjega li wara fuq iċ-ċertifikat provdut minn Alexander, ħa l-Istqarrija awdjo-viżwali ta' Joseph Cassar fil-preżenza tax-xhud stess, ta' PC 4021 u ta' PS 2224 Suzanne Mifsud, u kien avżat bid-drittijiet legali tiegħu u l-istess Joseph Cassar irrinunzja għal dawn id-drittijiet permezz ta' dikajrazzjoni f'dan is-sens[21]. **F'dan l-istadju ix-xhud jindika lill-imputat preżenti fl-awla**. Ix-xhud ikompli jispjega li waqt l-Istqarrija tiegħu, l-imputat qalilhom li ħuh Alexander Cassar kien qiegħed ipejjep l-i*smoke* u dejjqitu r-riħa, u waqt li kien fil-kamra tiegħu, sab lil ħuh ġej għalih, li waqqgħu mal-art u beda jagħtih bil-ponn. Jispjega wkoll li l-imputat stqarr li kien dahru mal-ħajt, beda jagħti bis-sieq u jista' jkun li kkawża l-ksur li kellu ħuh f'subgħajh. F'dan l-istadju x-xhud ippreżenta CD kontenenti l-Istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat[22] u l-Rapport tal-NPS relattiv[23], u talab korrezzjoni fuq l-istess rapport peress li kien hemm indikat id-data 22 ta' Ottubru 2023, li kellha tkun il-21 ta' Ottubru 2023. Ix-xhud iffirma fuq l-aġġornamenti tiegħu fl-istess rapport u l-korrezzjoni kif mitluba;

**PC 977 Antheo Camilleri** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[24], li wara li kien muri r-Rapport tal-NPS esebit f'dawn l-atti bħala Dok CC3, jikkonferma li kien ir-rapport li ħa mingħand Joseph Cassar fit-22 ta' Ottubru 2023, u jiffirma fuq il-partijiet bl-involviment tiegħu fl-istess rapport;

**PS 48 Desmond Desira** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[25], li jispjega l-involviment tiegħu f'dan il-każ, u ċioe' li kien imdaħħal fir-rapport minn PC 977, iżda jistqarr li min-naħa tiegħu huwa qatt ma kellem lil ħadd dwar dan ir-rapport;

**Il-*Parte Civile* Alexander Cassar, b'mod virtwali,** wara li din il-Qorti tagħtu d-debita kawzjoni *stante* li hemm proċeduri fil-konfront tiegħu, u wara li l-istess Qorti fakkritu fid-

[21] Ara d-Dikjarazzjoni tar-Rifjut għall-Assistenza Legali esebita bħala Dok CC1 a fol 58 tal-proċess
[22] Ara Dok CC2 a fol 59 tal-proċess
[23] Ara Dok CC3 a fol 60 *et seq* tal-proċess
[24] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 59a *et seq* tal-proċess
[25] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 66 *et seq* tal-proċess

dikjarazzjoni li kien għamel fis-seduta tal-10 ta' April 2024 li ma xtaqx jixhed fil-konfront ta' ħuh l-imputat, jagħżel li jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[26], u jispjega li filgħodu ħuh beda jgerger il-ħin kollu minn taħt l-ilsien kull darba li jgħaddi. Mistoqsi dwar id-data u l-ħin ta' meta dan kien ġara, ix-xhud ma setgħax jikkonferma d-data eżatta, iżda jgħid li dan ġara f'Novembru 2023 għall-ħabta tal-17:00, u jispjega li sa dak il-ħin Joseph kien għadu għaddej biha. Jgħid li bejn il-bibien tagħhom kien hemm biss metru, u meta Joseph semma ismu, x-xhud irreaġixxa billi għamillu ħoss ta' gass b'ħalqu. Jispjega li Joseph ġie wiċċ imb' wiċċ miegħu, u biex jiddefendi ruħu – għaliex skontu ġrat xi ħaġa simili tliet snin qabel għax kien kważi faqqgħalu għajnejh u spiċċa bil-punti – ix-xhud imbotta lil ħuh u dan waqa' mal-art, u beda jagħti bir-riżultat li kisirlu żewġt iswaba u oħthom spiċċat b'idejha mbenġla. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud jispjega li oħtu kienet fil-kċina iżda bl-għajjat ġiet twaqqafhom, ġibdet lix-xhud u kif kienet mal-art ħuh beda jagħti bis-sieq u lil oħtu benġlilha jdejha kollha. Ix-xhud ikompli jgħid li mar għand tabib peress li kellu żewġt iswaba miksurin, u jżid li jbati minn kundizzjoni tal-ġilda li ma tippermettilux kuntatt max-xemx, tant li m'għandux impjieg u lanqas jista' jmur sal-kċina meta jkun hemm it-tieqa miftuħa, u fil-fatt ikollu jsajjar bil-purtieri magħluqin doppji. Jispjega li minħabba f'dan imur spiss l-Isptar u jżommuh hemm. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni dwar il-ġrieħi subiti minn Joseph Cassar, ix-xhud jispjega li dawn ġew wara li mbuttah u waqa' fuq fann tal-ħadid, u jżid jgħid li dakinhar għal ftit ħelisha d-daqqa f'għajnejh, u jsostni li ried jiddefendi ruħu. Muri Dok CSA1 a fol 40 tal-proċess, ix-xhud jikkonferma li huwa ċertifikat mediku maħruġ fuqu meta kien irrikorra l-Isptar Mater Dei fit-12 ta' Novembru 2023. **F'dan l-istadju x-xhud jindika lill-imputat fl-awla**. In kontro-eżami, ix-xhud isostni li kien qiegħed jiddefendi ruħu mill-imputat "***għax kieku m'għamiltx hekk kont naqlaqgħha***"[27] pero' fl-istess nifs jammetti li kien hu li għamel l-ewwel mossa. Fuq domanda tad-Difiża, ix-xhud jispjega li din ir-reazzjoni da parti tiegħu kienet sforz l-esperjenza, għax kien jaf x'kien se jiġri li kieku m'għamilx hekk, u jikkonferma li assuma li l-imputat kien se jagħmillu xi ħaġa. Jispjega li fil-fatt għamel xi ħaġa u kien għalhekk li spiċċa b'subgħajh miksurin. Hawnhekk ix-xhud isostni li kieku m'għamilx hekk, kien jispiċċa jitlef għajnejh;

[26] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 68 *et seq* tal-proċess
[27] Ara a fol 74 tal-proċess

**L-espert Dr. Alexandra Mamo** tixhed fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2024[28], li bil-ġurament tagħha tikkonferma r-relazzjoni tagħha u ċioe' traskrizzjoni tal-Istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat esebita fl-atti bħala Dok CC2[29], liema relazzjoni ippreżentata waqt l-istess seduta bħala Dok AM1[30];

**L-imputat Joseph Cassar** jixhed fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024[31], li jispjega li dakinhar tal-inċident kien qiegħed id-dar fil-kamra tiegħu, liema dar tinsab Flat 2, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera, u mar biex jiftaħ il-bieb u ħuh Alex Cassar imbuttah u tah bil-ponn, pero' jistqarr li ma kienx jaf għalfejn għamillu hekk. Jispjega li spiċċa b'dahru 'l fuq, saqajh 'il fuq wara li ħuh imbuttah u waqqgħu għal fuq fann, u jsostni li sal-lum għadu ma jafx għalfejn ġara dan kollu. Jgħid li pprova jgħatti wiċċu, jilqa' kemm jista' waqt li kien qiegħed itih id-daqqiet, fejn biex jipproteġi lilu nnifsu, beda jagħti b'saqajh b'lura. Jispjega li wara dan waqfu, u skontu "***imn' Alla għamilt hekk għax bil-ponn kienu sew, kelli anka gundalli u beda jtini l-ħin ukoll, infridna u naf li smajtu jgħid, jew taqla' jew tagħti***"[32]. Ix-xhud jispjega li qal lil li ħuh "***mela għax ċedejt 'l ħija Martin ħsibt li...***"[33], u jirrakkonta episodju fejn ħuh Martin kien kisirlu jdejh u x-xhud għażel li ma jirrapprutahx, u sentejn wara kien jiġi f'kamartu u jgħidlu "***oqgħod hemm ja kurnut***"[34], u wara li x-xhud kien jgħidlu li se jirrappurtah kien jiskuża ruħu, li skontu bdew jieħduha vizzju li jattakkawh għax ma jirrappurtahx, iżda ma setgħax jagħti raġuni għalfejn kienu jagħmlu hekk. Iżid jgħid li ħuh Martin kien jgħid lil oħtu Svetlana li huma aħwa u għedewwa fl-istess ħin, u jgħid li mhux ħuh biss kien jagħmel hekk. Mistoqsi x'għamel wara, ix-xhud jispjega li għalaq il-bieb u beda jipprova jgħid lil ommu "***x'affarijiet huma dawn***"[35], pero' ma setgħax jiftakar fejn kienet ommu u x'qaltlu. Isostni li ommu kienet taf li hemm it-tensjoni bejn uliedha, u jgħid li ħutu Alex u Martin donnu jeħel kulħadd magħhom u mbagħad jiġi kollox normali. Mistoqsi dwar x'jista' jgħid dwar dak li qal ħuh waqt ix-xhieda tiegħu, jgħid li kien sema' xi ħaġa, iżda jistqarr li ma jiftakarx x'kien qal, pero' fuq domanda tad-Difiża,

[28] Ara x-xhieda tagħha a fol 114 *et seq* tal-proċess
[29] Ara a fol 59 tal-proċess
[30] Ara a fol 115 *et seq* tal-proċess
[31] Ara x-xhieda tiegħu a fol 138 *et seq* tal-proċess
[32] Ara a fol 140 tal-proċess
[33] Ara a fol 141 tal-proċess
[34] Ara a fol 141 tal-proċess
[35] Ara a fol 142 tal-proċess

jgħid li bħala attitudni kif kien ġab ruħu ħuh fil-konfront tiegħu, kien ħadha "***qisu normali għax forsi ma kellhomx x'jieħdu***"[36], u jsostni li affarijiet simili jiġru ta' spiss bejnu u Alex iżda mhux bl-idejn. Ix-xhud jallega li ħuh kellu xi jgħid ma' ċertu Pawlu, u qal li jekk jaqbad itih qabel ma jiġu l-Pulizija, ma jieqafx. Jistqarr pero' li ma jafx jispjega għalfejn ħuh jitkellem b'dan il-mod. Dwar l-inċident innifsu, ix-xhud isostni li hu kien qiegħed jilqa' d-daqqiet u jagħti b'saqajh meta kien dahru 'l isfel, pero' fl-istess nifs jgħid li kien wiċċu mal-art, tant li ma kien qed jara xejn. Jispjega li dak il-ħin ħuh kellu rabja kbira fuqu u qatt ma kien rah hekk, u jżid jgħid li din ma kienitx l-ewwel darba li kien ġab ruħu hekk miegħu, u jsemmi li kien anke joffendi lil ommu. Ix-xhud ikompli jispjega li ħuh għandu kundizzjoni li għandu rabja, fejn "***daqqa jkellmek u daqqa le***"[37]. Isemmi li kien jaħdem bħala xufier tal-*coach* u kien jixtri l-ikel għalih, u kienu jieħduhulu. Jispjega li meta kien ikkonfrontah fuq dan kien jgħidlu "***x'għala żobbi minnek***"[38]. Ix-xhud isemmi wkoll istanza fejn kien sellef mitt Ewro lil ħuh, iżda qatt tahomlu lura. Jgħid pero' li dawn il-flus kien tahomlu minn qalbu u li minn fejn kien jista' kien jagħtihom, u dejjem qdieh. In kontro-eżami, ix-xhud jispjega li hekk kif fetaħ il-bieb tal-kamra tiegħu, sab lil ħuh ma' wiċċu, u jinnega li dan l-inċident seħħ minħabba li kien ilu jizzikah ġurnata sħiħa, u jinnega wkoll li mar għalih l-ewwel, u jgħid li kien fetaħ il-bieb għax kien sejjer sat-*toilet*. Ix-xhud jinnega wkoll li l-ġrieħi gravi subiti mill-*Parte Civile* kienu saru intenzjonalment, u jgħid li ma kienx ħa pjaċir, għaliex wara kollox membru tal-familja tiegħu kien. Jgħid li kien lest li jaħfer, iżda ried il-protezzjoni. Jgħid ukoll li dak il-ħin tal-inċident ma semgħax ħoss ta' gass. Ix-xhud jinnega li kien hu li għamel il-ħoss ta' gass biex jizzika lil ħuh, ħaġa li kien ilu jagħmel ġurnata sħiħa. Ma kienx jaf iwieġeb jekk il-ġrieħi li sofra ħuh kienux għaliex kien qiegħed jagħtih b'saqajh għaliex kellu wiċċu mgħotti, jilqa' d-daqqiet u jipprova jifhem għalfejn kien daqshekk irrabjat ħuh, u ma kienx jaf jispjega għalfejn appena fetaħ il-bieb ħuh ġie fuqu mill-ewwel. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud jispjega li ħuh ma kien qal xejn, "***azzjoni biss, rabja fuqi biss ma qalli xejn, qas kelma ma qal***"[39]. Mistoqsi jekk din li jiġi fuqu mal-bieb ġratx qabel ix-xhud iwieġeb li qatt ma kienet ġrat qabel, u jagħti x'jifhem dan kien "***għal xejn b'xejn***"[40], iżda ma jiċħadx li kien għamel ġurnata jizzika lil ħuh.

---

[36] Ara a fol 144 tal-proċess
[37] Ara a fol 147 tal-proċess
[38] Ara a fol 147 tal-proċess
[39] Ara a fol 150 tal-proċess
[40] Ara a fol 151 tal-proċess

Mistoqsi jekk kienx hemm argumenti oħra mal-*Parte Civile* fil-ġranet ta' qabel, ix-xhud iwieġeb li ma jiftakarx pero' ma jidhirlux li dan il-każ, "***li kien hemm kienu normali***"[41], jgħid li kif jieħdu l-i*smoke* jispiċċa kollox u jintefa' fil-kamra[42];

**Carmen Cassar** tixhed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[43], li tikkonferma d-dikjarazzjoni tagħha li ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat *stante* li jiġi binha;

**L-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino** jixhed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[44], u jikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tiegħu immarkata bħala Dok EC1 a fol 80 *et seq* tal-proċess bil-ġurament;

**PS 2421 Shaznay Mifsud** tixhed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[45], li tispjega li nhar it-22 ta' Novembru 2023 kienet infurmata li Alexander Cassar kellu ċertifikat mediku ta' ġrieħi gravi, u għaddiet din l-informazzjoni lill-Ispettur Audrey Micallef peress li kienet tal-Għassa dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2023, li tagħtha struzzjonijiet sabiex ikun interrogat min-naħa tagħha. F'dan l-istadju x-xhud tikkonferma l-involviment tagħha fir-Rapport tal-NPS esebit fl-atti bħala Dok CC3 a fol 60 sa 65, u ffirmat l-aġġornamenti tagħha fl-istess rapport a fol 64 tal-proċess;

Rat ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-1 ta' Awwissu 2024, li permezz tiegħu dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 222(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikolu 17, l-Artikolu 23 u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[41] Ara a fol 151 tal-proċess
[42] Ara a fol 151-152 tal-proċess
[43] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 170 *et seq* tal-proċess
[44] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 172 *et seq* tal-proċess
[45] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 174 *et seq* tal-proċess

3. Fl-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384, l-Artikolu 385, l-Artikolu 386, l-Artikolu 412Ċ u l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Fl-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

B’dan illi qabel ma’ din il-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ ikun trattat bi proċedura sommarja, *ai termini* tal-Artikolu 370(3)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta:

1. Tisma’ lil **Dr. Alexandra Mamo** sabiex tespleta l-inkarigu mogħti lilha fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2024;

2. Tieħu konjizzjoni ta’ kull prova oħra li l-Pulizija Eżekuttiva jidhrilha xieraq li tipproduċi f’dan il-każ.

Rat li l-ewwel kweżit kien sodisfatt fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2024[46], meta dehret l-espert Dr. Alexandra Mamo li ppreżentat ir-relazzjoni tagħha u ċioe’ traskrizzjoni tal-Istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat[47];

Rat li fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2024, wara li r-Rinviju tal-Ġudizzju kien ikkonfermat bil-ġurament minn Dr. Giuliana Magro Conti għall-Avukat Ġenerali, inqraw l-Artikoli mertu tal-istess Rinviju tal-Ġudizzju, u wara li staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li din il-kawża tinstema’ u tkun deċiża bi proċedura sommarja, l-imputat wieġeb li ma kellux;
Rat fis-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2024[48], din il-kawża kienet differita għas-sentenza;

Rat li fis-seduta tat-30 ta’ Diċembru 2024[49], din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors urġenti tal-imputat datat is-27 ta’ Diċembru 2024 sabiex tixhed oħt l-imputat **Svetlana Cassar**, kif ukoll li x-xhieda meħuda fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2024 ma ħarġitx, u li għal dawn ir-

---

[46] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 113A *et seq* tal-proċess
[47] Ara Dok AM1 a fol 115 *et seq* tal-proċess
[48] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 153 tal-proċess
[49] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 159 tal-proċess

raġunijiet, ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u li jerġgħu jistemgħu ix-xhieda li ddeponew dakinhar, u ċioe' **PS 2421 Shaznay Bugeja**, **Dr. Edward Basile Cherubino** u **omm l-imputat u l-*Parte Civile* Carmen Cassar**;

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[50], din il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-imputat datat is-27 ta' Diċembru 2024, u wara li rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li oġġezzjona għat-talba tiegħu sabiex tixhed oħt l-imputat **Svetlana Cassar**, ċaħdet it-talba tal-istess imputat *stante* li ma kienitx xhud ġdid jew li feġġ f'dan l-istadju tardiv tal-proċeduri. Tant hu hekk li waqt is-seduta ta' nhar it-8 ta' Mejju 2024 l-istess imsemmija Svetlana Cassar kienet bil-ġurament tagħha ddikjarat li ma tixtieqx tixhed f'dawn il-proċeduri minħabba li l-imputat u l-*Parte Civile* huma ħutha. Rat ukoll li mir-rikors tal-Ispettur Christian Cauchi għall-Prosekuzzjoni datat l-20 ta' Jannar 2025, l-email address indikat u li permezz tiegħu fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025 **Carmen Cassar** xehdet b'mod virtwali, huwa *email address* li fil-verita' jindika lil **Svetlana Cassar**;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[51];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (15:00) ta' wara nofsinhar u s-sebgħa (19:00) ta' filgħaxija, ġewwa Binja Santa Venera, Blk 1, Fl 2, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

---

[50] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 168 *et seq* tal-proċess
[51] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 168 *et seq* tal-proċess

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh **Alexander Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 484388M, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq l-imsemmi **Alexander Cassar** u dan hekk kif ġie ċċertifikat mit-tabiba Dr. Chantelle Said.

L-imputat wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata l-1 t'Awwissu 2024[52] l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

1. Fl-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 222(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 17, l-Artikolu 23, l-Artikolu 31 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384, l-Artikolu 385, l-Artikolu 386, l-Artikolu 412Ċ, l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B u l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat hu akkużat b'imputazzjoni waħda li tinkwadra ruħha taħt l-Artikoli segwenti u ċioe':

i. l-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:
"***Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna***"

ii. L-Artikolu 215 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li "***L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa***";

iii. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li "***L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin ….***

[52] Ara a fol 109 tal-proċess

> ***jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż***";

liema Artikoli ġew ċitati mill-Avukat Ġenerali fir-rinviju tal-ġudizzju msemmi aktar 'il fuq. Mill-verżjonijiet tal-*parte civile* u tal-imputat jirriżulta li qam argument bejniethom bħala aħwa li jgħixu taħt l-istess saqaf. Il-*parte civile* jiddikjara li kien hu l-ewwel li mbutta lill-imputat wara li ġew wiċċ imb'wiċċ – verżjoni li taqbel ma' dak li jgħid l-imputat kemm fl-istqarrija tiegħu[53] kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti[54]. Dan ifisser li hemm qbil li l-ewwel kuntatt fiżiku sar mill-*parte civile* Alexander Cassar fil-konfront tal-imputat li spiċċa mal-art. Alexander Cassar jikkontendi li dan għamlu biex jiddefendi ruħu peress li jaf lill-imputat sew u li fil-passat kellhom xi ġlied ieħor. Fil-fatt fi kliem il-*parte civile* "***kieku m'għamiltx hekk, kont naf x'se jiġri, għax mhux l-ewwel darba li ġrat, u għal naqra ma faqalix għajnejja***". Pero' l-istorja ma waqfitx hemm għaliex skond ma jgħid il-*parte civile* fix-xhieda tiegħu l-imputat beda jagħti u kisirlu żewġt iswaba[55]. Jispjega wkoll li għandu kundizzjoni rari li jrid jibqa' fid-dlam għax ix-xemx iġġenninlu l-ġilda u li fi ftit kliem saħħtu hi fraġli. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li l-ġrieħi ġew meta beda jaqla' f'wiċċu mingħand Alexander Cassar, laqtu u prova jwaqqfu għax ma kienx jaf fuq x'hiex inqala' dan kollu. Fi kliem l-istess imputat - "***imbuttani u waqajt mal-art u tellajt idejja ma' wiċċi ħalli niddefendi wiċċi u bdejt nagħti bis-sieq***"[56].

Għalkemm il-verżjonijiet ta' x'seta' wassal għall-mertu ta' din il-kawża ma jaqblux (għaliex il-*parte civile* jikkontendi li l-imputat kien ilu kważi ġurnata jizzikah) filwaqt li l-imputat jgħid li ma jafx għala bdiet il-ġlieda ta' bejniethom, fil-verita' l-istess imputat jikkonferma li kien hu li kien għamel ġurnata jizzika lil ħuh Alexander Cassar u dan *stante* li kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess imputat:

"Spettur: ***Tiċħad li għamilt ġurnata tizzika lil ħuk***?
Xhud: ***Le***".

[53] Ara a fol 125 tal-proċess
[54] Ara a fol 139 tal-proċess
[55] Ara x-xhieda tal-*parte civile* datata t-8 ta' Mejju 2024 a fol 70 tal-proċess
[56] Ara a fol 146 tal-proċess

Din il-Qorti tara għalhekk li prattikament b'ammissjoni tal-imputat stess jirriżulta li l-imputat kien ilu jizzika lill-*parte civile* ġurnata sħiħa. Il-*parte civile* jidher li ħa r-riedni f'idejh meta mbagħad mar *oltre* billi mbutta lill-istess imputat bir-riżultat li l-imputat waqa' mal-art u bdiet il-ġlieda fiżika bejniethom fejn seħħew il-ġrieħi tal-*parte civile* li l-imputat jgħid li seħħew waqt li kien qed jiddefendi ruħu. Min-naħa l-oħra l-*parte civile* wkoll jikkontendi li kollox seħħ għax kien qed jiddefendi ruħu mill-imputat peress li jafu sew u jaf x'karattru għandu (apparti l-fatt li jsemmi xi episodji ta' vjolenza li seħħew fil-passat). Ir-riżultat ta' dan kollu kien li l-partijiet ġew 'għoqda' kif jiddiskriviha l-Uffiċċjal Prosekutur – b'dan li l-imputat beda jfajjar bl-addoċċ u kkaġuna ġrieħi fuq ħuh.

M'hemm ebda dubju li l-*parte civile* sofra ġrieħi ta' natura gravi u ċioe' ksur żgħir fl-għadam tal-idejn kif ġie ċ-ċertifikat tat-tabiba Dr. Chantelle Said[57], liema ċertifikat ġie kkonfermat bil-ġurament tagħha stess waqt is-seduta ta' nhar l-10 t'April 2024[58] u kif sussegwentement u fil-mori tal-kawża ġie kkonfermat ukoll mill-espert mediku Dr. Edward Basile Cherubino fir-rapport tiegħu[59] kkonfermat bil-ġurament waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2025[60], liema rapport jikkonkludi li l-*parte civile* Alexander Cassar "***sofra minn ġrieħi ta' natura gravi li ħallew deformita' tal-4 u l-5 subgħajh tal-lemin mingħajr djufija jew kapaċita' mnaqqsa tal-użu tal-id il-leminija***"[61]. Dan allura jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-vot tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sodisfatt.

Minn dak esebit in atti u mix-xhieda prodotti m'hemm ebda dubju li kien l-imputat Joseph Cassar li kkaġuna l-ġrieħi fuq ħuh Alexander Cassar waqt l-inċident mertu tal-kawża. Hu minnu li kien hemm ċirkustanzi ta' provokazzjoni – minn banda provokazzjoni da parti tal-istess imputat li ċertament ma tistax tintuża għall-benefiċċju tiegħu għall-fini ta' piena u ċirkustanzi ta' provokazzjoni da parti tal-*parte civile* li kien hu li ta l-ewwel daqqa meta mbutta lill-imputat mal-art. Pero' lil hinn minn kwalunkwe argument ta' provokazzjoni u ċirkustanzi mitiganti (li *se mai* jistgħu jagħmlu differenza fuq il-piena) jibqa' l-fatt li

[57] Ara Dok. CSA1 a fol 43 tal-proċess
[58] Ara a fol 47 *et seq* tal-proċess
[59] Ara Dok. EBC1 a fol 88 *et seq* tal-proċess
[60] Ara a fol 172 *et seq* tal-proċess
[61] Ara a fol 103 tal-proċess

m'hemm ebda forma ta' dubbju li kien l-imputat Joseph Cassar li kkaġuna l-ġrieħi gravi fuq ħuh Alexander Cassar.

Għal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti tirrileva li qed tieħu in konsiderazzjoni tas-segwenti fatti u ċirkustanzi:

1. Il-provokazzjoni taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin;
2. Il-fatt li l-*parte civile* jikkonferma bil-ġurament tiegħu li kien hu stess li imbotta lill-imputat l-ewwel u li kien hu li miss lill-istess imputat l-ewwel (bħala *point of contact*);
3. Il-fedina penali tal-imputat li għalkemm m'hijiex xi waħda netta, fil-verita' m'hijiex fedina penali li b'xi mod tista' titqies bħala waħda li turi xi karattru refrattarju tant li l-aħħar sentenza li ingħatat fil-konfront tiegħu kienet fis-sena 2008[62];
4. In-natura tar-reat kontemplat fl-akkuża odjerna li minnu nnifsu, anke minħabba l-ksur li sar jirriżulta li hu wieħed serju.

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli kollha elenkati u ċitati fir-rinviju tal-ġudizzju u ċioe' l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 222(2), l-Artikolu 17, l-Artikolu 23, l-Artikolu 31, l-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384, l-Artikolu 385, l-Artikolu 386, l-Artikolu 412Ċ, l-Artikolu 412D, l-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li m'hemmx konkors tar-reati u qed tastjeni wkoll milli tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li m'hemm ebda *corpus delicti*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a), u l-Artikolu 222(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tkkundannah <u>għal piena ta' 18-il xahar priġunerija</u>**, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament il-fatt li l-*parte civile* stess

[62] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess

jikkonferma li kien hu li għamel l-ewwel mossa meta mbutta lill-imputat issa l-ħati u li dan kien inċident bejn l-aħwa li skala **b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta** tissospendi t-terminu ta' tmintax (18) -il xahar priġunerija **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Joseph Cassar** bi kliem u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' 18-il xahar imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

*In oltre* l-Qorti qed tordna li jinħareġ **Treatment Order** *ai termini* tal-Artikolu 412D(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat issa l-ħati għal tul ta' sentejn biex l-imputat, issa l-ħati jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja u jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu għall-ġid tiegħu innifsu, tal-Parte Civile Alexander Cassar u tal-aspett familjari tagħhom, kif ukoll jindirizza aspetti tal-karattru u l-personalita' tiegħu u kwalunkwe kondizzjoni oħra li l-istess professjonisti jikkonstataw jew jaraw li trid tiġi ndirizzata.

A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat, issa l-ħati. L-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Probation and Parole. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat, issa l-ħati Joseph Cassar kull tliet (3) xhur.

*In oltre* u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti torbot lill-imputat b'Ordni tat-Trażżin fil-konfront Alexander Cassar għal żmien sentejn.

A tenur tal-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif

ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

*In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tpoġġi lill-imputat taħt obbligazzjoni personali għal żmien tnax (12)–il xahar mil-lum taħt penali ta' ħames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta u / jew jivvessa lil Alexander Cassar;

*Stante* l-applikazzjoni tal-Artikolu 382A u l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif hawn fuq imsemmi l-Qorti m'hijiex ser tapplika d-dettami tal-Artikolu 384, l-Artikolu 385 u l-Artikolu 386 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan *stante* li din il-Qorti tara li l-obbligu taħt l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hu biżżejjed fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

*Stante* li l-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hu applikabbli għall-akkużat *pendente lite* l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Ġenerali għall-applikazzjoni ta' tali artikolu;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-imputat issa l-ħati sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti relatati mal-każ odjern u ċioe' dawk relatati mal-espert mediku Dr. Edward Basile Cherubino fl-ammont ta' €339.58 u l-ammont ta' €30.34 relatati mal-ħatra ta' Dr. Alexandra Mamo għat-traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva tal-istess imputat, issa l-ħati.

*Stante* l-applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ingħad aktar 'il fuq, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Ġenerali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 532A u l-Artikolu 532B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**